MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Numru. 687/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**JAY CHAPELLE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jay Chapelle ta' 35 sena, iben Tony u Lisa nee' Kind, imwieled gewwa l-Ingilterra nhar id-29 ta' Marzu 1977, residenti gewwa 7 Sheoak, Qawra Road, San Pawl il-Bahar, detentur ta' karta ta' l-identita' numru 11987A.

Gie akkuzat talli nhar is-6 ta' Awissu 2011, bejn is-02:00am u l-4;00am, gewwa San Giljan;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Jonathan Calleja f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi, hekk kif iccertifikat Dr Rebecca Galea, detentrici ta' numru tar-regisrtu mediku 5292.
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Jonathan Calleja, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, imbotta lil Jonathan Calleja fit-triq sabiex iweggghu jew jinsultah.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 17, 218, 339(1)(d) u 339(1)(l) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jay Chapelle, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali minima tal-imputat, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tal-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Jay Chapelle ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Jay Chapelle jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Jay Chapelle b'obbligazzjoni personali ta' elf Ewro (Ewro 1000) li jzomm il-kwiet ma' Jonathan Calleja.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Jay Chapelle l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------